MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 293/2005

Rikors numru 293/05 DM

Albert Calleja [ID 611541 (M)]

Vs

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Albert Calleja fejn, wara li ppremetta:

1 Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 15 jew 21 ta' Marzu, 2005 li giet notifikata lir-rikorrent fil-5 ta' Mejju, 2005 numerata 2385/05, ir-rikorrent gie interpellat mill-intimat sabiex fi zmien jumejn ihallas is-somma ta' erbat elef u mija u sitta u sittin lira Maltin (LM 4,166) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta'

stima 1989 u 1990 skond l-avviz hemm anness bhala Dok ‘A’.

2 Illi l-pretensjoni ta’ l-intimat ghall-hlas imsemmi hi preskritta skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 47(2) ta’ l-Att XVIII ta’ l-1994 kif applikabbli fiz-zmien relattiv qabel l-emendi ta’ l-istess Artikolu.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara illi l-pretenzjoni ta’ l-intimat ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef u mija u sitta u sittin lira Maltin (LM 4,166) kif dedotta fl-ittra ufficjali pprezentata mill-istess intimat fil-5 ta’ Mejju, 2005, (2385/05), flimkien mat-talba ta’ l-ispejjez ghall-prezentata ta’ dak l-att, hi infondata, u li konsegwentement ir-rikorrent mhux debitur ta’ l-intimat fis-somma pretiza.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn irrisponda illi:

Ir-rikorrent huwa zbaljat, billi ma’ tapplika ebda preskrizzjoni favurih u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 47 (4) ta’ l-Att XVII ta’ l-1994, billi l-emendi ghall-istess Artikolu 47 japplikaw anke ghall-kaz tar-rikorrent.

Inoltre ir-rikorrent tant kien interessat li jhallas it-taxxa dovuta minnu tul is-snin imsemmija illi lanqas biss indenja ruhu jibghat il-prospett (return) tat-taxxa ghal dawn is-snin, bhalma wkoll jidher li naqas li jibghatu ghat-tmien snin sussegwenti.

Ghaldaqstant l-esponent talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez.

Rat in-noti ta’ Osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi l-ammont ta’ taxxa li qieghed jitlob l-intimat minghand it-*tax payer,* Albert Calleja r-rikorrent, jirreferi ghat-taxxa dovuta ghas-snin ta’ stima l-1989 u l-1990.

Jirrizulta ukoll illi l-ewwel att gudizzjarju illi ntbaghat lir-rikorrent *tax payer* sabiex tintalab minghandu t-taxxa fuq id-dhul ghas-snin ta’ stima in kwistjoni, kienet l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Marzu, 2005 innumerata 2385/05 u notifikata lir-rikorrent fil-5 ta’ Mejju, 2005.

Ir-rikorrent ghalhekk minn naha tieghu qieghed isostni illi l-azzjoni ta’ l-intimat biex jigbor it-taxxa in kwistjoni giet preskritta skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 47(2) ta’ l-Att XV111 ta’ l-1994 bid-dekorrenza ta’ tmien (8) snin minn dik id-data meta t-taxxa tkun saret dovuta.

Pero’ kull argument illi jirrigwarda il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-gbir tat-taxxa jezigi li, qabel xejn, jigi stabbilit il-mument li fih it-taxxa in kwistjoni saret dovuta u meta saret it-talba ghall-hlas ta’ l-istess taxxa.

Fil-kaz in kwistjoni minghajr ma hemm bzonn illi wiehed jidhol fil-kwistjoni jekk ir-rikorrent kienx effettivament baghatx ir-*returns* ghas-snin in kwistjoni, jirrizulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fis-26 ta’ April, 1991 kien ghamel *ex ufficio assessment* tat-taxxa li ghandha tkun dovuta mir-rikorrent ghas-snin ta’ stima 1989 u 1990 fl-ammont komplessiv ta’ erbat elef, mija sitta u sittin lira Maltin (Lm4,166) illi gew mitlubin minghand it-*tax payer* ir-rikorrent bl-ittra ufficjali ta’ Marzu , 2005.

Pero’ mill-provi prodotti jirrizulta illi anke jekk effettivament il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kien ghamel l-istima ufficjali tat-taxxa li ghandha tkun dovuta mir-rikorrent, minn imkien ma jirrizulta illi dan il-kont jew stima maghmul mill-intimat gie notifikat lir-rikorrent it-*tax payer*.

Ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali notifika tal-kont mahrug mill-intimat, li minn naha tieghu ghalhekk sal-lum ghadu ma giex moghti l-opportunita’ illi jikkontesta skond il-ligi tali stima u li jiehu dawk il-passi kollha lilu akkordati biex jikkontesta tali ammont, ma jistax jinghad illi t-taxxa ghas-snin in kwistjoni saret dovuta mir-rikorrent *tax payer.*

Infatti jirrizulta li l-ewwel darba illi r-rikorrent gie b’xi mod mgharraf bl-*assessment* ufficjali li kien ghamel il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u bir-rati minnu applikati u bl-ammont ta taxxa li kien qed jiippretendi, kien bil-prezentata f’dawn il-proceduri tal-kopji ta’ tali kontijiet li gew esebiti fit-23 ta’ Gunju, 2006.

Ghaldaqstant irrizulta illi dak illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kien qeghed jitlob minghand ir-rikorrent, f’Marzu, 2005 kien definittivament ghadu mhux dovut ghaliex sa dakinhar it-*tax payer* kien ghadu ma giex notifikat bil-kont dettaljat relattiv.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu tal-21 ta’ Marzu, 2005 hija nfondata u konsegwentement tilqa’ it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------